MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 129/2013

**Regina Borrmann**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

**u**

**Trasport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti **Regina Borrmann** fis-16 ta' Lulju 2013 fejn ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti applikat ghal ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni STD C39 fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 2013;*

*Illi permezz ta' ittra bid-data ghoxrin (20) ta' Gunju 2013 mibghuta mill-ufficcju tal-Ministeru tal-Finanzi cahad it-talba tal-esponenti giet michuda ai termini tal-Artikoli 4(3)(c) u (e) tal-Avviz Legali 6 tas-sena 2012;*

*Illi l-Artikoli hawn fuq imsemmija jistuplaw is-segwenti:*

> *"(c) il-persuna li tkun qieghda tapplika ghall-ezenzjoni trid tkun ilha tghix barra minn Malta ghal perjodu kontinwu ta' ghallinqas erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali taghha barra minn Malta;*
>
> *(e) jekk il-vettura tkun diga' waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."*

*Illi ghalhekk jidher li l-esponenti giet michuda mill-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni a bazi tal-fatt li hi ma kellhiex ir-residenza normali taghha barra minn Malta ghall-perjodu kontinwu ta' erbgha u ghoxrin xahar kif ukoll li ma applikatx ghall-ezenzjoni fi zmien tletin (30) gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta;*

*Illi l-esponenti dahlet hawn Malta ghall-ewwel darba fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 2012 u telqet fid-dsatax (19) ta' Settembru 2012 izda f'dan il-perjodu qatt ma applikat sabiex tibdel ir-residenza taghha biex tkun awtorizzata tghix hawn Malta b'mod permanenti;*

*Illi l-esponenti hija cittadin tal-Unjoni Ewropea u ai termini tar-regolament tal-Unjoni Ewropea kull cittadin tal-Unjoni Ewropea ghandu d-dritt li jghix u jiccaqlaq liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Dan il-principju ta' moviment liberu ta' persuni huwa wiehed mill-principji fondamentali tal-Unjoni Ewropea. Wiehed irid pero` jinnota li cittadin Ewropew ghandu bzonn permess biex jghix hawn Malta jekk idum iktar minn tlett (3) xhur;*

*Illi ghalhekk il-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar imsemmi fl-Artikolu 4(3)(c) tal-Avviz Legali 6 tas-sena 2012 ghandu jibda jiddekorri minn meta persuna tibdel ir-residenza taghha sabiex tkun awtorizzata tghix hawn Malta;*

*Illi kif diga' inghad hawn fuq, l-esponenti qatt ma applikat sabiex tkun awtorizzata tghix hawn Malta b'mod permanenti. Il-fatt li persuna tghix u ticcaqlaq minn Stat Membru ghal iehor ma jfissirx li tali persuna bidlet ir-residenza taghha;*

*Illi l-esponenti dahlet hawn Malta ghat-tieni darba, bil-vettura hawn fuq imsemmija, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu 2013 u applikat ghall-ezenzjoni fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 2013, igifieri tlett (3) ijiem wara;*

*Illi ghalhekk jidher car li l-esponenti tissodisfa l-kriterji kollha tal-Artikolu 4 tal-Avviz Legali 6 tas-sena 2012;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent qieghda umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal sabiex tirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru ghall-Finanzi u tordna l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura STD C39."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 5 ta' Awissu 2014 fejn gie eccepit is-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari, ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita` intimata huwa l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk kellha tigi citata b'tali isem.*

2. *Illi in linea preliminari, l-Awtorita` esponenti mhiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ttiehdet unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont ir-**Regolament 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196 tal-2009)** u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita` rispondenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*

3. *Illi preliminarjament ukoll, l-intimat l-iehor ma giex imharrek kif suppost stante illi fl-ewwel lok ghandu jitharrek id-Direttur Generali li huwa vestit bir-rapprezentazzjoni guridika u mhux il-Ministeru u f'kull kaz in-nomenklatura uzata hija skorretta ghaliex il-Ministeru responsabbli mill-finanzi ma jissejjahx appuntu 'Ministeru ghall-Finanzi'. In rigward ta' dawn l-eccezzjonijiet jekk ir-rikorrent se jitlob li ssir korrezzjoni (kif jehtieg li jaghmel biex jintenta jsalva dan l-appell), l-appell tieghu jirrizulta li jkun fiori termine.*

4. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita` esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Avviz Legali numru 6 tas-sena 2012 sabiex tkun ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

5. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet imqajma mir-rikorrenti dwar id-dritt taghha bhala cittadina tal-Unjoni Ewropea li tghix u ticcaqlaq fl-Istati Membri, fl-ewwel lok tali dritt huwa limitat dejjem b'dawk ir-regolamenti u ligijiet maghmula mill-Istati Membri individwali u, izjed minn hekk, dan l-Onorabbli Tribunal b'kull rispett ma jista' jaghmel xejn ghajr li japplika l-ligi kif inhi u jekk – kif donnha qieghda taghmel – ir-rikorrenti trid tattakka l-validita` o meno ta' tali ligi, dan ma jistax certament isir f'din il-procedura odjerna izda permezz ta' proceduri appoziti quddiem il-Qrati vestiti bil-gurisdizzjoni li jiddikjaraw ligi bhala invalida jew anti-kostituzzjonali.*

6. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru ghall-Finanzi** datata 14 ta' Awissu 2014 fejn gie eccepit is-segwenti:-

"

1. *Illi ai termini tar-Regolament 4(3)(c) u (e) tal-LN 6 tas-sena 2012, sabiex ir-rikorrenti setghet tikkwalifika ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-vettura taghha, hi kellha tissottometti l-applikazzjoni taghha fil-perjodu ta' tletin gurnata minn meta l-imsemmija vettura dahlet f'Malta u li l-vettura kellha tkun registrata fuq*

*isimha ghal minimu ta' sentejn qabel ma tbiddel ir-residenza taghha minn pajjiz barra minn Malta ghal go Malta;*

2. *Illi jirrizulta mill-applikazzjonijiet sottomessi mir-rikorrenti stess, li d-dati indikati mir-rikorrenti fuq l-istess applikazzjonijiet ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-imsemmija vettura li huma 6 ta' Gunju 2012 u 22 ta' Marzu 2013 ma jaqblux;*

3. *Illi minkejja li r-rikorrenti kellha d-dritt temporanju bhala turista ghall-perjodu ta' massimu ta' seba' xhur sabiex l-imsemmija vettura tista' tigi uzata f'Malta, mill-applikazzjonijiet taghha jirrizulta li hi iddikjarat zewg dati diversi u cioe` Novembru 2012 u l-25 ta' Gunju 2013 meta hi allegatament stabbiliet ir-residenza permanenti f'Malta;*

4. *Illi ghalhekk l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet michuda stante li hija ma ssodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti,[1] ix-xhieda ta' Elaine Bugeja,[2] u l-kontro-ezami tal-istess rikorrenti.[3]

Ra id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti u mill-Ministeru intimat;

Sema' it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2014;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

---

[1] A fol. 34A sa 34G
[2] A fol. 41A sa 41I
[3] A fol 106 sa 116

Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Gunju 2013, ir-rikorrenti giet mgharrfa mill-Ministeru intimat illi :

***"Following assessment of your second application and on the basis of the information submitted in your first application it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under 4 (3) (e) "if the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is made by the person transferring his residence within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta" and under rule 4 (3) (c) "the person applying for the exemption shall have been residing outside Malta for a continuous period of at least twenty-four months immediately before the date on which he ceases to have his normal residence outside Malta."***

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'din id-decizjoni u intavolat il-prezenti appell sabiex dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru intimat u jordna l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura tal-ghamla Ford Capry bin-numru ta' registrazzjoni STD C 39.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi qabel jidhol fil-mertu ghandhom jigu sorvolati xi eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta.

Permezz **tal-ewwel eccezzjoni**, l-istess **Awtorita`** eccepiet illi isimha proprju huwa L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u mhux Transport Malta. Illi r-rikorrenti ma talbet l-ebda korrezzjoni f'dan is-sens u ghalhekk it-Tribunal qieghed jordna huwa stess, ai termini tal-artikolu 175 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir il-korrezzjoni debita fl-okkju ta' dan ir-rikors sabiex isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta" kif inhu l-isem legali taghha ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Awtorita` intimata eccepiet ukoll permezz tat-**tieni eccezzjoni** taghha illi hija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-

osservanza tal-gudizzju peress li kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti ittiehdet unikament mill-Ministeru intimat u inoltre l-istess Awtorita` m'ghandha l-ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.

Illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru intimat huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skondil-Ligi hija mghonija bil-poter li tohrog l-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjonita' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-Transfer ofResidence Exemption Board permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijietta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebdapoter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero l-istessAwtorita` trid timxi fuq dak deciz mill-imsemmi Bord.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fit-tieni eccezzjoni taghha u ghalhekk qieghed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sorvolati dawn il-kwistjonijiet preliminari, it-Tribunal issa se jidhol fil-mertu tar-rikors odjern.

Illi l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni hija regolata permezz tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Infatti f'artikolu 4 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja, kif kienet vigenti fiz-zmien tal-applikazzjoni de quo,[4] wiehed isib il-kriterja sabiex vettura tkun tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni u cioe:-

*"**4.** (1) ....*

*(2) L-eżenzjoni taħt l-artikolu 19(3)(f) tal-Atttingħata fir-rigward ta' vettura bil-mutur M1 jew ċiklettali tkun il-proprjetà personali ta' individwu u tkunqiegħda tiġi impurtata jew tkun*

[4] U cioe l-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviz Legali 6 tal-2012

*qiegħda tinġieb f'Malta* ***minn dak l-individwu meta jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta.***[5]

*(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għależenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'iseml-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenzanormali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minnerbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tattrasferiment*

*tar-residenza tiegħu għal Malta u tkungħadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtatajew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt ilkondizzjonijietġenerali tat-tassazzjoni li jkunufis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun*

*qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u matkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportatagħal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa,taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta'konsum;*

***(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjonitrid tkun ilha tgħix barra minn Maltagħal perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa ugħoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hijama tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barraminn Malta;***

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġieżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabelid-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza  normalitiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-ilxahar wara dik id-data; u*

***(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta,l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuqil-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħdatittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletinġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta.***

*(4) L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)m'għandhiex tingħata meta –*

*(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunuxjissodisfaw ir-rekwiżitistabbiliti taħt is-subregola(3); jew*

[5] Enfasi tat-Tribunal

*(b) l-applikant ikun diġà ingħata eżenzjonimit-taxxa taħt din ir-regola, jew*

*(ċ) vettura tiġi impurtata jew tinġieb Maltaminn persuna li tkun marret toqgħod barra minnMalta primarjament bil-għan li ssegwi kors ta'studju għal perjodu ta' inqas minn ħames snin, jew*

*(d) l-applikant jippreżenta dikjarazzjonifalza jew xjentement jippreżenta informazzjonifalza jew mhux korretta."*

Illi minn qari tal-ittra tar-rifjut mibghuta mill-Ministeru intimat jirrizulta illi z-zewg kriterji li ma ssodisfatx ir-rikorrenti kienu principalment is-segwenti u cioe:-

1. Illi hija ma kinitx ilha mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha stabbiliet ruhha hawn Malta tghix f'pajjiz barra minn Malta;

2. Illi l-vettura li dwarha intalbet l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kienet ilha Malta izjed minn tletin gurnata minn meta saret l-applikazzjoni ghall-istess ezenzjoni.

Illi dwar l-ewwel raguni tar-rifjut u cioe l-fatt li ma kinitx ilha mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar tghix f'pajjiz barrani qabel id-data li r-rikorrenti iddikjarat li ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta, ir-rapprezentat tal-Ministeru Elaine Bugeja xehdet illi din id-decizjoni kienet ittiehdet peress li dak dikjarat mir-rikorrenti fuq it-tieni applikazzjoni taghha, u cioe dik mertu ta' dan l-appell, kien konfliggenti ma' dak li l-istess rikorrenti kienet iddikjarat f'applikazzjoni simili precedenti.

Infatti jirrizulta illi r-rikorrenti, precedentement ghall-applikazzjoni in kwistjoni, kien ghamlet applikazzjoni ohra dwar l-istess vettura, liema applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-istess Ministeru intimat peress li kienet giet sottomessa oltre t-terminu rikjest mil-ligi wara li vettura tkun waslet Malta.

Illi jirrizulta illi fl-ewwel applikazzjoni tar-rikorrenti ricevuta mill-Ministeru intimata fil-5 ta' Settembru 2012, l-istess rikorrenti kienet iddikjarat li kienet se tiehu r-residenza normali taghha hawn Malta **f'Novembru 2012** u li l-vettura kienet waslet Malta **f'Gunju 2012.** Kif intqal iktar 'il fuq, din l-applikazzjoni kienet giet rifjutata abbazi tal-fatt illi r-rikorrenti ma kinitx issottomettiet l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni entro tletin gurnata minn meta waslet il-vettura hawn Malta. Wara r-rifjut tal-istess applikazzjoni, ir-rikorrenti kienet telqet minn Malta u hadet maghha wkoll l-istess vettura.

Illi fil-25 ta' Marzu 2013 ir-rikorrenti issottomettiet applikazzjoni ohra ghall-ezenzjoni fuq l-istess vettura, liema applikazzjoni giet ricevuta mill-Ministeru intimat fl-1 ta' April 2013. F'din it-tieni applikazzjoni r-rikorrenti iddikjarat li kienet qed tiehu r-residenza normali taghha hawn Malta b'effett mill-**25 ta' Gunju 2013** u li l-vettura waslet hawn Malta fit-**22 ta' Marzu 2013.**

Illi ghaldaqstant il-Ministeru intimat qieghed isostni li ladarba fl-ewwel applikazzjoni ir-rikorrenti kienet indikat Gunju 2012 bhala d-data li fiha kienet hadet ir-residenza taghha hawn Malta, issa ma tistghax tissottometti applikazzjoni ohra u tindika data ohra.

Illi mid-dokumenti annessi mat-tieni applikazzjoni jirrizulta ben car illi r-rikorrenti qatt ma stabbiliet ir-residenza normali taghha hawn Malta wara l-ewwel applikazzjoni. Madankollu l-Ministeru intimat kien rinfaccjat b'zewg dikjarazzjonijiet konfliggenti u li wahda minnhom jew it-tnejn li huma allura kienu zbaljati. Mill-provi irrizulta illi fil-verita iz-zewg dikjarazzjonijiet ma kinux jirriflettu dak dikjarat mir-rikorrenti ghaliex hi qatt ma kellha r-residenza normali taghha hawn Malta.

Illi ghalkemm fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-Ministeru intimat tramite t-Transfer of Residence Exemption Board kellu jindaga ftit aktar fil-fond ir-raguni ta' tali diskrepanza, ma jista' jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni mehuda abbazi tal-artikolu 4 (3) (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif vigenti fiz-zmien tal-applikazzjoni. Ir-rikorrenti ma tistghax tippretendi li tnizzel id-dati li jkun jaqblilha u mbaghad ma tiffacjax il-konsegwenzi li jistghu jirrizultaw minn tali informazzjoni kunfliggenti. Fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal hija kienet cara hafna dwar kif thares lejn iz-zjarat taghha hawn Malta. Infatti, hija espressament tirrikonoxxi li hija tirrisjedi gewwa l-

Germanja – *"I am living in Hamburg. That is my normal home..."*[6], *"I am not a resident"*[7]; *"...I am not a permanent. How I can a permanent?"*[8]Illi iktar minn hekk, ir-rikorrenti b'mod mill-iktar car ma tissodisfax ir-rekwizit kardinali ghall-ezenzjoni in kontestazzjoni, cioe dak tat-trasferiment tar-residenza normali taghha hawn Malta.

Illi ghalhekk fl-umli opinjoni tat-Tribunal, il-Ministeru intimat agixxa korrettament meta fuq l-informazzjoni li diga kellu, informazzjoni del resto moghtija mill-istess rikorrenti, huwa qies li r-rikorrenti kienet diga residenti hawn Malta qabel id-data dikjarata minnha fit-tieni applikazzjoni. Illi l-fatt li fil-verita` dak li gie mnizzel mir-rikorrenti fuq l-ewwel applikazzjoni u dak li fattwalment ghamlet ir-rikorrenti ma kinux konsonanti ma jistghax jimmilita u jibbenefika lir-rikorrenti li ppruvat tibbenefika minn ezenzjoni li hija riservata biss ghall dawk li jistabilixxu r-residenza ordinarja taghhom hawn Malta

Kwindi it-Tribunal huwa tal-fehma illi dik il-parti tad-decizjoni fejn ir-rifjut sar abbazi tar-Regolament 4 (3) (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, fic-cirkostanzi, hija wahda gusta.

Illi, pero, kien hemm bazi ohra li fuqha l-Ministeru intimat hareg ir-rifjut tieghu u cioe illi l-applikazzjoni ma saritx fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura in kwistjoni waslet hawn Malta u cioe fit-22 ta' Marzu 2013. Illi l-Ministeru intimat qieghed isostni li ladarba fl-ewwel applikazzjoni r-rikorrenti iddikjarat li l-vettura kienet waslet hawn Malta f'Gunju 2012, allura kien ben ghaddew it-tletin gurnata entro liema ir-rikorrenti setghet tipprezenta l-applikazzjoni taghha. Dan ifisser illi l-Ministeru intimat ma kkunsidrax il-fatt li l-vettura kienet inharget minn Malta wara l-ewwel rifjut u regghet appuntu dahlet Malta f'Marzu 2013. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Ministeru intimat kellu ragun ghaliex jekk wiehed jikkoncedi li wara rifjut minhabba li jkun skada t-terminu entro liema wiehed ghandu japplika, sid il-vettura jerga' johrogha barra l-pajjiz biex jerga' jidhol biha u japplika fil-hin, ikun qed isir abbuz mill-istess ligi.

Kwindi, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba kienet giet rifjutata l-applikazzjoni abbazi li l-applikazzjoni ma saritx entro t-terminu tat-tletin

[6] A fol. 34B
[7] A fol. 34E
[8] A fol. 34F

gurnata, wiehed ma jistghax jerga’ johrog il-vettura biex idahhalha f’data ohra u b’hekk l-istess vettura tkun eligibbli ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni.

Illi maghdud dan kollu, dan it-Tribunal ma jistghax ma jergghax jirribadixxi kif fil-mori ta’ dawn il-proceduri irrizulta b’mod mill-aktar car illi r-rikorrenti bl-ebda mod m’ghandha intenzjoni li tiehu r-residenza normali taghha hawn Malta ghalkemm tmur u tigi hawn Malta numru ta’ drabi fis-sena.

Illi minn qari ta’ Regolament 4 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 jirrizulta illi wahda mill-kwalifiki ewlenin li wiehed irid ikollu biex japplika ghall-ezenzjoni hija li huwa jkun qieghed jitrasferixxi r-residenza normali tieghu minn pajjiz barrani ghal Malta. F’dan il-kaz jirrizulta ampjament car, u anke *ex admissis* mill-istess rikorrenti, li dan ma sarx.

Kwindi jirrizulta illi anke fit-tieni applikazzjoni, ir-rikorrenti ghamlet dikjarazzjoni skorretta. Jista’ jkun li r-rikorrenti ghandha kuncett differenti ta’ “residenza normali” minn dak definit fil-Ligi specjali li tirregola l-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni. Pero jibqa’ l-fatt li hija ma tissodisfax il-kriterju ta’ persuna li ttrasferiet ir-residenza taghha minn barra minn Malta. Anzi b’mod skjett tghid li dan qatt ma kien il-kaz. Kwindi, fi kwalunkwe kaz, l-eligibilita` taghha ghall-ezenzjoni tippekka fi kwalifika kardinali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li qieghed jilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u b’hekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jichad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministeru intimata datata 20 ta’ Gunju 2013.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------